MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 352/2001/1

**Elmo Insurance Agency Ltd
ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurata taghha l-kumpanija John's Garage Ltd u l-istess kumpanija John's Garage Ltd.**

**vs**

**Alexander Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' April, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas is-somma ta' mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm278.87,00) danni kagunati bhala konsegwenza tal-kollizjoni li grat tort tal-konvenut fit-22 ta' Lulju, 2000, fi Triq il-Manikata, Mellieha, bejn il-vettura HVY 019 assikurata mal-kumpanija assikuratrici attrici, ta' proprjeta' tal-kumpanija l-ohra attrici

u misjuqa minn Denis Herbert, u l-vettura FBC 234 misjuqa mill-konvenut kwantu ghall-mitejn u lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm201.27) lill-kumpanija assikuratrici attrici bhala s-somma li sburzat taht il-polza u kwantu ghal sebgha u sebghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm77.60) lill-kumpanija l-ohra attrici John's Garage Ltd liema somma batiet minn butha, - prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni u ghad-danni konsegwenzjali.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2000, u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data ta' l-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi l-incident awtomibilistiku in kwistjoni mertu tal-kawza sehh unikament tort ta' Denis Herbert is-sewwieq awtorizzat tal-assikurat tas-socjeta' attrici minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Denis Herbert, hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament kif ukoll it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fit-22 ta' Lulju, 2000, fis-6 ta' filgahxija fit Triq Il-Manikata, l-Mellieha, bejn il-vettura van HVY 019 proprjeta' ta' John's Garage izda misjuqa minn Denis Herbert u l-karozza FBC 234 misjuqa mill-konvenut.

Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fit-triq serpeggjanti tal-kampanja fid-direzzjoni opposta.  Din it-triq hija dejjqa hafna u waqt illi kienu ghaddejjin magenb xulxin sar l-incident.

PS 1233 John Attard xehed (Fol. 19) li t-triq hija dejjqa hafna u bilkemm jghaddu zewg vetturi.  Il-van HVY 019 kienet razenti hafna x-xellug tat-triq kwazi tmiss mal-hajt tas-sejjieh u kellu barxa t-tul kollu tieghu fuq in-naha tal-lemin.

Il-konvenut kien niezel mid-direzzjoni opposta u halla *brake marks* ta’ disa’ metri u nofs (9.5m).

Xehed ukoll is-*surveyor*, Paul Barbieri (Fol. 33) fejn ta deskrizzjoni  tal-hsarat subiti fiz-zewg vetturi.  Qal illi wasal ghall-konkluzjoni dwar ic-cifra tat-tiswija bi ftehim mall-garaxx fejn issewwew il-vetturi.

Is-sewwieq tal-van, Denis Herbert xehed illi dak il-hin kien qieghed isuq fid-direzjoni tal-Mellieha fi Triq il-Manikat, ghat-telgha.  F’hin minnhom jara karozza ohra gejja mid-direzzjoni opposta u ghalhekk resaq kemm jista’ jkun lejn ix-xellug.  Tant resaq li l-*wing mirror* tax-xellug habtet mal-hajt tas-sejjieh.  Il-karozza l-ohra baqghet gejja, pero’ minhabba l-velocita’ pjuttost gholja li kellha, skiddjat u baqghet titkaxkar mal-genb lemini tal-van.  Il-roti ta’ quddiem tal-karozza misjuqa mill-konvenut kienu mdawrin fid-direzzjoni tieghu u r-rota tal-lemin halliet tkaxkira mal-genb kollu. Semma wkoll, illi huwa u tielgha kien hemm sigra li kienet qed tostakola l-vista u ghalhekk ma ndunax bil-karozza tal-konvenut qabel.

Il-konvenut minn naha l-ohra jammetti illi ra dan il-van tielgha fid-direzzjoni opposta u haseb illi ser jidhol fil-fetha illi taghti ghal ghalqa fuq in-naha tieghu.  Din il-fetha tidher fl-iskecc a Fol. 24.  Izda l-van baqa’ tielgha, u meta ra hekk ghafas il-brejk pero’ xorta ma rnexxilux iwaqqaf il-karozza tieghu illi tkaxkret mall-genb lemini tal-van.

Mistoqsi l-ghaliex il-marki tal-brejkijiet jaghtu direzzjoni lejn il-van, il-konvenut qal li fuq in-naha tax-xellug tieghu

kien hemm xi sigra u terrapien u ghalhekk bilfors kellu jibged lejn dik in-naha biex jevitahom.

Ghal dawk illi huma d-danni, Denis Herbert qal illi ma kellux xi affarijiet kbar oltre l-mera tax-xellug u l-marki li halla it-*tyre* tal-konvenut seta' jnehhihom bil-*polish*. Jidher pero', illi l-hsara kienet aktar fonda milli ppretenda Denis Herbert. Tant hu hekk illi s-*surveyor* ikkonstata illi kien hemm ukoll ghafsa li minhabba f'hekk kellha tittellgha l-pjanca kollha. U kien bi ftehim mat-tellar li wasal ghac-cifra ndikat fis-*survey* tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti jidhrilha illi s-sewqan tal-konvenut ma kienx prudenti tenut kont il-konidzzjoni tat-triq. Kif qalu s-Surgent u l-istess partijiet, l-incident gara f'parti dejjqa tat-triq fil-kampanja fejn allura kien jirrekjedi prudenza aktar mis-soltu mill-utenti ta' dik it-triq. *Di piu'* t-triq hija serpeggjanti li tista' b'xi mod toffri *blind corners* ghas-sewwieqa tat-triq.

Il-Qorti jidhrilha li meta sewwieq ikun f'dik is-sitwazzjoni, ghandu juza prudenza aktar mis-soltu. Tant hu hekk, illi f'sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Aaron Scicluna vs Paul Azzopardi deciza fil-15 ta' Jannar, 1993, il-Qorti qalet li sewwieq li jkun ghaddej minn triq serpeggjanti fil-kampanja, ghandu juza attenzjoni kbira u m'ghandux isuq 'il-quddiem sakemm ma jkunx cert illi t-triq hija libera.

Il-konvenut m'osservax dan it-taghlim. Tant hu hekk illi huwa jghid, illi ra l-van tielgha mid-direzzjoni opposta, izda assuma li kellu jidhol fil-fetha li taghti ghal go ghalqa. Dan il-konvenut ma kellu l-ebda dritt jassumi. Ma hemmx precedenzi f'dik it-triq. Kullhadd ghandu jzomm fuq in-naha tieghu u jsuq bl-aktar prudenza.

Evidentement it-triq quddiemu ma kinitx libera u ghalhekk il-konvenut ma kienx tenut ikompli jsuq f'dawk ic-cirkostanzi, izda kellu jrazzan is-sewqan tieghu u jsuq b'aktar mod prudenti u bilmod biex jassigura li ma jsirux

danni. Dana l-konvenut mhux talli m'ghamlux, talli baqa' ghaddej bhal li kieku ma kien hemm hadd u kien tard wisq meta rrealizza li kien ser jikkreja ncident.

Ghal dak illi jirrigwarda velocita', l-vettura tal-konvenut halliet disa' metri u nofs (9.5m) marki tal-brejkijiet. Taht kondizzjonijiet normali fil-wisa' fil-livell, dawna jsarrfu velocita' ta' hamsa u erbghin (45) kilometru fis-siegha. Peress illi kien ghan-nizla, seta' kien miexi b'velocita' anqas ridotta minn dik. Pero', xorta hija gholja wisq ghal dawk ic-cirkostanzi tenut id-djuqija tat-triq u l-mod kif tisserpeggja.

Ghalhekk, il-konvenut ma kienx liberu li jassumi x'kien ser jaghmel haddiehor u kellu jara dak illi jaghmel huwa minghajr ma jkun ta' periklu ghal haddiehor. Izda s-sogru kien tieghu, ddecieda li jibqa' sejjer u ghalhekk kien il-kawza prossima ta' dan l-incident fejn evidentement ma kienx qieghed izomm *a proper lookout* u kien qieghed isuq b'mod imprudenti.

Ghal dawk illi huma d-danni, l-Qorti jidhrilha, illi l-atturi rnexxiehom jippruvaw il-kaz taghhom tramite x-xhieda tas-*surveyor* Paul Barbieri illi ra l-hsara u seta' jistma' t-tiswija taghha b'mod aktar professjonali milli dehrlu s-sewwieq Denis Herbert.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex toqghod fuq il-konkluzjonijiet ta' l-istess *surveyor,* illi wara kollox ghandu l-interessi tal-kumpanija assikuratrici x'josserva u mhux sejjer jawtorizza tiswijiet jekk ma jkunux verament saru b'rizultat tal-habta in kwistjoni. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi anki f'dan il-kap is-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tiddikjara lill-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident illi gara fit-22 ta' Lulju, 2000, fi Triq il-Manikata, l-Mellieha, bejn il-vettura HVY 019 misjuqa minn Denis Herbert u l-vettura FBC 234 misjuqa mill-konvenut u dana

minhabba traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi f’ammont ta’ mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm278.87,00) u kosegwentement tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l- konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------